MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Talba Numru. 263/2011

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Danica Vidolich [K.I. Nru. 31792M]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fit-18 ta’ Marzu, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u tmintax-il euro u hamsa u erbghin centezmi ta’ euro (€318.45) u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u tmintax-il euro hamsa u erbghin centezmu (€318.45) liema ammont huwa dovut in konessjoni mas-servizz/i moghti/ja mis-socjeta attrici, kont numru 51023406 u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-6 ta' Marzu, 2012, nhar it-30 ta' Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra li t-Tribunal ezenta – skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta – lis-socjeta attrici milli taghmel l-affissjoni mal-post ta' residenza tal-konvenuta u dan in vista tar-riferti li hemm a tergo tal-fol. 6 u 8 tal-process;

Ra l-verbal tat-30 ta' Marzu, 2012 u li permezz tieghu, l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha x-xhieda ta' Simone Ellul, rapprezentanta tas-socjeta attrici,  li kkonfermat li l-ammont pretiz fit-talba ghadu dovut u ghaddiet ukoll sabiex tesebixxi tlett dokumenti u cioe Dok. SE 1 li hija s-*subscription form* u li ggib id-data tal-1 ta' Frar, 2010, Dok. SE 2 li hija l-*Contract of Agreement for Wireless Access Device* datat ukoll 1 ta' Frar, 2010, u Dok. SE 3 li hija l-ittra ufficjali spedita mis-socjeta attrici a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra li l-konvenuta baqghet qatt ma dehret quddiem it-Tribunal sabiex tikkontesta din it-talba.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tmintax-il euro u hamsa u erbghin centezmi ta' euro (€318.45), bl-imghax mid-data tal-

prezentata ta' l-ittra ufficjali numru 416/11 datata 4 ta' Frar, 2011.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------